MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 141/2003

**Frank Scicluna**

**vs**

**Anne Grech**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba ta’ l-attur ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn dina l-Qorti tirritorna l-ghamara, prorpieta’ ta’ l-attur li tinsab fil-pussess taghha, u fin-nuqqas l-istess attur jigi awtorizzat jirtira l-istess ghamara that dawk id-direzzjonijiet li din il-Qorti tiddetermina.**

**Ghal fini ta’ kompetenza l-valur ma jeccedix l-elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0);**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-1 ta’ Marzu tas-sena 2006 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra l-konvenuta Anne Grech.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------